**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 11 ta' Lulju, 2017

**Il-Pulizija**
**(Spettur James Grech)**

**-vs-**

**Robert Galea, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 229581M**

***Kumpilazzjoni Nru. 470/2015***

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Robert Galea u ċioè talli:

> Nhar it-13 ta' Ġunju, 2012, f'xi ħin bejn is-7:15hrs u l-11:30hrs ikkommetta serq ta' ġojjellerija u/jew oġġetti oħra minn residenza Marmer House, Triq San Publiju, Naxxar, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeċċedi l-ammont ta' €2,329.37, u bil-lok għad-detriment ta' Mario u Maria-Anna Xuereb u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entità u/jew entitajiet oħra;
>
> F'xi jum bejn it-2 u t-22 ta' Novembru, 2013, ikkommetta serq ta' diversi oġġetti minn ġewwa uffiċċini sitwati f'sit ta' kostruzzjoni ġewwa x-Xatt tal-Birgu, Birgu, liema serq huwa kkalifikat bil-mezz u bil-valur li ma jeċċedix l-ammont ta' €2,329,37 għad-detriment ta' Mario Grixti u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entità u/jew entitajiet oħra.
>
> Il-Qorti ġiet mitluba titratta ma' Robert Galea bħala reċidiv ta' sentenzi li saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula u dan ai termini ta'Artikolu 49, 50 u 289 ta' Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
>
> Il-Qorti ġiet mitluba tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat in-nota ta' rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali tas-26 t'Ottubru, 2016,[1] permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat u deciz bi procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Rat li fis-seduta tat-23 ta' Mejju, 2017, dakinhar li kellha issir it-trattazzjoni mill-partijiet, l-imputat rregistra ammissjoni ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe` wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u hu nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-istess akkuzi kif minnu ammessi.

Illi dwar l-ewwel imputazzjoni l-valur kien gie indikat bhala wiehed ta' aktar minn hamest elef ewro.[2]

Illi ghalkemm it-tieni imputazzjoni tikkwalifika l-valur tar-*res furtiva* b'ammont li ma jeccediex il-€2,329.37, l-istimi prezentati mill-parte leza jindikaw ammont ta' €26,603.10,[3] liema ammont sussegwentement gie rivvedut ghal dak ta' €16,179.50.[4] Jinghad ukoll li anke l-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tieghu jindika l-artikolu 279(a) u mhux l-artikolu 279(b) tal-Kodici Kriminali fir-rigward tat-tieni imputazzjoni. Kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza **Il-Pulizija vs Michael Carter,**[5] in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju skond l-artikolu 370(3) tal-Kodici Kriminali,

[1] Fol.311
[2] Fol.36
[3] Fol.151 u 152; fol.164 et seq.
[4] Fol.267
[5] Deciza 07.12.2001

ghandha rwol simili ghal dak ta' l-Att ta' Akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. Din il-Qorti ghalhekk hija marbuta b'dawk id-disposizzjonijiet tal-ligi indikati lilha fin-nota ta' rinviju u xejn iktar. Kwindi l-Qorti tista' issib htija biss ghal dak indikat lilha f'dina in-nota.[6]

Illi in kwantu ghal-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura serja tar-reati li jinsab akkuzat bihom l-imputat, il-fedina penali tieghu li hi wahda voluminuza u mzewqa b'diversi reati varjati fosthom dawk ta' serq u ricettazzjoni, tac-cirkostanzi kollha l-ohra tal-kaz mhux inqas il-fatt li l-ammissjoni wasslet fi stadju tardiv hafna ghalkemm ghandu jigi osservat ukoll li, kif irrilevat l-abbli difiza, hekk kif ittihdietlu l-istqarrija l-imputat kien ammetta l-involviment tieghu fis-serqiet imsemmija.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 20, 31, 49, 50, 261(b), (c), (e), 263, 264, 265, 266, 267, 269(g), 278 (1),(2),(3), 279(a),(b), 280(1),(2), 281(a), 284, 285 u 289 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni issib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal erbghin (40) xahar prigunerija.

Finalment bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tordna lill-hati jhallas l-ammont ta' €1,962.61 rapprezentanti spejjez peritali.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**

---

[6] App. Krim. **II-Pulizija vs. Peter Borg** [10.11.2005]: *"Illi ma hemmx dubju li r-rinviju ghall-gudizzju li jaghmel l-Avukat Generali ghandu jitqies bhallikieku hu att ta' l-akkuza, u hekk kif fuq att ta' akkuza, skond l-artikolu 467 (4) il-guri (jew il-Qorti) tista' ssib htija ta' reat jew reati izghar, basta li dan jew dawn ir-reati jkunu komprizi w involuti f' xi parti ta' l-att ta' l-akkuza, hekk ukoll il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tista' ma ssibx htija skond l-artikoli ndikati fir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali imma ssib htija ta' reat jew reati minuri komprizi u involuti. Dan ghaliex ir-regoli imsemmija fis-subartikoli (2) u (4) tal-artikolu 467 tal-Kodici Kriminali gew dejjem ritenuti lli japplikaw ghall-Qrati ta' Gustizzja Kriminali kollha. (Ara. App. Krim* ***Il-Pulizija vs. Omissis u Carmelo Agius*** *[24.5.2002];* ***Il-Pulizija vs. Emmanuel Camileri et*** *[23.11.2001];* ***Il-Pulizija vs. Andrew Ellul Sullivan et*** *[20.3.2003];* ***Il-Pulizija vs. Michael Carter*** *7.12.2001] u ohrajn.) Ghalhekk l-Ewwel Qorti kellha tindaga jekk fil-fatt irrizultax xi reat kompriz w involut qabel ma tillibera ghal kollox lill-appellat kif ghamlet".* Vide wkoll **Il-Pulizija vs Joseph Cauchi** [07.02.2013]; - Qorti tal-Magistrati(Ghawdex) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali: **Il-Pulizija vs. Joseph Saliba** [20.10.2010].